MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 66/2004

Maltacom plc C22334

**vs**

**Jason Joseph Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn u mija liri Maltin (LM 2100) rappresentanti ammont ta’ numri telefonici li jgibu in-numri 222693, 578018, 383591, u 583998 (CN316737/CN1028149) (skond kif jirrizulta mill-anness statement Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond St Publius Street, Burmarrad u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. B;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet

kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-16 ta' Gunju, 2004, meta gew ipprezentati u approvati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u mitt liri Maltin (LM 2100) bl-imghax mit-3 ta' Frar 2004 (cioe' d-data meta gie pprezentat l-avviz) u bl-ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------